# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 11 t'Ottubru tas-sena 2001.**

**Numru 25**

**Avviz numru 462/01/SM**

**Brian Tyre Services Limited**

**vs**

**Ryan Dimech**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' tlett mija u disa' u tletin lira Maltin u sitta u sebghin centezmu, (LM339.76,0) import ta' tmien kambjali ta' LM42.47,0 il-wahda li skadew rispettivament fit-30 ta' Settembru 2000, fit-30 ta' Ottubru 2000, fit-30 ta' Novembru 2000, fit-30 ta' Dicembru 2000, fit-30 ta' Jannar 2001, it-2 ta' Marzu 2001, fit-2 ta' April 2001 u fit-2 ta' Mejju 2001 u li ghalkemm gie interpellat jissalda dan l-ammont, hu baqa inadempjenti;**

**Bl-imghax mid-data ta' kull skadenza u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali tal-4 ta' Mejju 2001 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fl-4 t'Ottubru tas-sena 2001 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**